MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Numru 589/2005

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Emanuel Faure', iben George, imwieled Tarxien fl-4 ta' diċembru, 1944

Illum, 13 ta' ġunju, 2007

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fi frar tas-sena 2005, u fix-xhur ta' qabel, b'atti diversi magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, bħala Assistant Head fil-Procurement Section tal-Korporazzjoni Enemalta, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda

jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom hu ma kellhux jedd;
2. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, fil-kapaċita' tiegħu ta' Assistant Head fil-Procurement Section tal-Korporazzjoni Enemalta, sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettiex, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skond il-liġi;
3. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, kixef sigrieti li kienu ġew fdati lilu minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu;
4. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, fil-kapaċita' tiegħu ta' Assistant Head fil-Procurement Section tal-Korporazzjoni Enemalta, bid-deher jew bil-moħbi jew bil-mezz ta' persuna oħra, ħa nteress privat f'aġġudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellu għal kollox jew f'parti t-tiġrija jew is-sorveljanza tagħhom, kif ukoll jekk kellu din it-tiġrija jew sorveljanza fiż-żmien li l-aġġudikazzjoni, l-appalt jew l-amministrazzjoni nbdew.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, fil-kapaċita' tiegħu ta' Assistant Head fil-Procurement Sectiion tal-Korporazzjoni Enemaltal-pieni stabbiliti, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-4 ta' april, 2006 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex jittieħdu passi kriminali kontra l-imputat skond l-artikolu 14(1) tal-Kapitolu 377 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' mejju, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli 18, 112, 113, 114, 115, 119, 133, 141, 257, 124, 17(b), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' mejju, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-każ kellu l-bidu tiegħu meta l-pulizija rċeviet rapport mill-Korporazzjoni Enemalta li l-imputat, li dak iż-żmien kien Assistant Head fil-Procurement Section ta' l-istess Korporazzjoni, kien irċieva cheque f'ismu ta' mija u ħamsin lira sterlina (Stg150). Is-sistema tal-posta fil-Korporazzjoni kien wieħed ċentralizzat u għalhekk l-ittri kollha jinfetħu f'uffiċċju partikolari li jieħu ħsieb li jqassam il-korrispondenza. Ġara li l-imputat kien irċieva cheque favur tiegħu fil-posta tal-Korporazzjoni. Dan ic-cheque kien intbagħat minn soċjeta' estera u f'din il-korrispondenza flimkien mac-cheque kien hemm talba għall-applikazjzonijiet għall-tenders. Minħabba dan il-fatt li ma kienx ċar għall-Korporazzjoni nfurmaw lill-pulizija b'dan il-fatt.

Illi fuq l-iskorta ta' din l-informazzjoni l-pulizija arrestaw lill-imputat. Il-każ deher li kien gravi għaliex l-imputat kien responsabbli għall-ħruġ tat-tenders tal-Korporazzjoni. L-imputat ġie nterrogat u mill-istqarrija tiegħu rrizulta li dik is-soċjeta' partikolari kienet bagħtet dawk il-flus biex l-imputat ikun jista' jixtri t-'tender documents' ta' dawk l-affarijiet li setgħu jkun ta' interess għal din l-istess socjeta' estera. Fil-fatt, il-pulizija ċemplu barra minn Malta u is-soċjeta' in kwistjoni kkonfermat dak li kien stqarr l-imputat.

Illi l-pulizija ma waqfgħux hawn iżda komplew jindagaw. Huma marru l-uffiċċju tiegħu fil-Korporazzjoni Enemalta u minn hemm elevaw il-komputer ta' l-uffiċċju. Ġo dan il-komputer instabu sensiela ta' korrispondenza dwar din l-

istess soċjeta'. Fi ftit kliem kien qed jirrizulta li l-imputat kien qed jgħin lil din is-soċjeta' estera. Hu kien ippropona lil din is-soċjeta' biex jagħmlu użu mis-servizzi ta' Josmel Enterprises bħala r-rappresentanti tagħhom hawn Malta. Din ma kinitx soċjeta' iżda biss 'trade name'. L-iskop kien li jekk is-soċjeta' estera tirbaħ tender hi tħallas lill-Josmel Enterprises kummissjoni għax-xogħol ta' rappresentanza li tkun wettqet hawnhekk. Josmel Enterprises ma kien ħadd ħlief l-imputat li kien wasal għall-eta' pensjonabbli u għalhekk ried li jkollu xi ħaġa x'jagħmel wara li jispiċċa mix-xogħol. Billi kien għadu mpjegat mal-Korporazzjoni kien qed juża l-indirizz, ta' ibnu biex ma jużax dak tad-dar tiegħu, li fil-fehma ta' l-imputat ma kienx ikun korrett. Irrizulta li Josmel Enterprises kienet ilha topera minn jannar tas-sena 2004.

Illi fil-kors ta' din l-investigazzjoni rrizulta li l-imputat kien tħallas xi flus fi valuta estera fuq il-kont tiegħu li hu kellu ma bank lokali. Il-pagamenti kienu saru għaliex kienu ntrebħu xi tenders u dawn il-flus kienu l-kummissjoni pattwita. Irrizulta wkoll li l-imputat kien bagħat xi dokumenti u kampjun ta' 'swivel' lil din is-soċjeta' estera. Fuq l-iskorta ta' din l-informazzjoni kollha l-imputat tressaq il-Qorti u ġie akkużat b'dak li jirrizulta hawn fuq.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li x-xogħol ta' l-imputat kien jikkonsisti billi joħroġ it-'tender documents' għall-pubbliku u jirrispondi għal kwalunkwe diffikulta' li seta' jkun hemm f'dawn id-dokumenti. Min kien bi ħsiebu li jieħu parti fit-'tender' kellu jimla' dawn id-dokumenti u jiddepożithom f'kaxxa għal tal-appost. Wara dawn it-'tenders' jinfetħu u minn jilħaq dak mitlub mill-Korporazzjoni jieħu x-xogħol. L-imputat ma kellhu xejn x'jaqsam mal-ftuħ jew mal-aġġudikazzjoni tat-'tenders' billi kien hemm persuni oħra responsabbli biex jagħmlu dan. Fi ftit kliem l-imputat ma kienx jifforma parti mill-'Adjudicating Committee' u għalhekk ma setgħatx jinfluwenza lil ħadd fl-għotja tal-kuntratti.

Illi mhemmx dubju li dan l-aġir ta' l-imputat żgur ma kienx etikament korrett meta hu kien għadu fl-impieg tal-Korporazzjoni u għaldaqstant, kien għadu konsiderat

bħala uffiċjal pubbliku.  Dwar dan il-fatt ma hemm ebda kontestazzjoni.

Illi l-imputat ġie mressaq fuq erba' akkużi li ser jiġu analizzati individwalment.

Illi fl-ewwel akkuża, l-imputat ġie akkuzat li hu kien korrott fl-aġir tiegħu a tenur ta' l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu partikolari jittratta dwar il-fatt jekk uffiċjal pubbliku jirċievi xi forma ta' vantaġġ, pekunjarju jew ta' xort'oħra, meta ma kellhux dritt għalih u jirċevih biex jagħmel jew jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu. Wieħed mill-elementi ta' dan ir-reat hu l-parteċipazzjoni tal-persuna biex jagħmel jew jonqos li jagħmel.  F'dan il-każ partikolari l-imputat ma seta' jagħmel xejn jew jonqos li jagħmel xejn.  Is-sehem tiegħu kien wieħed sempliċement amministrattiv fis-sens li hu kien fid-dover li jagħti d-dokumenti tat-'tender' lil min irid jixtrihom.  Hu ma kienx jagħmel parti li mill-'adjudicating Committee' jew mit-'Tender Sub-Committee'.  Hawnhekk, l-uffiċjal pubbliku għandu jinxtara u dan il-fatt ma jirrizultax.  Hu rċieva l-flus għal żewġ raġunijiet.  Waħda biex jixtri d-dokumenti tat-'tender' u it-tieni wara li s-soċjeta' rebħet it-'tender' bħala kommissjoni.  Anki min-noti tal-Professur Sir Anthony Mamo jirrizulta ampjament ċar li biex jissussti dan ir-reat irid ikun hemm l-aġir jew in-nuqqas ta' aġir da parti ta' dan l-uffiċjal.

Illi t-tieni akkuża tirrigwarda l-fatt li l-uffiċjal pubbliku jkun esiġa flus skond ma jirrizulta mill-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali.  Mill-provi prodotti l-imputat ma esiġja ebda pagament jew ħlas ta' flus kemm għalih jew għall-amministrazzjoni tal-Korporazzjoni.   Kif ġie ampjament pruvat l-imputat irċieva flus biex jixtri d-dokumenti għan-nom tas-soċjeta' estera u flus dwar kommissjoni.  Fil-każ tax-xiri tad-dokumenti min imkien ma rrizulta li l-imputat żamm xi flus għalih jew għal ħaddieħor iktar mill-pagament dovut għax-xiri ta' l-istess dokumenti.  Ma tirrizulta ebda prova biex tavalla sejbin ta' ħtija dwar din l-akkuża.

Illi t-tielet akkuża tirrigwarda l-kxif ta' sigrieti. F'dan il-kuntest jirrizulta li l-imputat ma kienx id-depożitarju ta' xi sigriet li ġie lilu fdat. Dan il-kumment qed isir minħabba l-fatt li l-imputat ma kienx parti minn dak iċ-ċirku ristrett ta' nies li jiddeċidu min għanu jieħu l-kuntratt. F'dik il-parti hu ma kellu ebda sehem. Mill-provi prodooti jirrizulta li l-imputat effettivament għadda lis-soċjeta' estera 'swivel' u dokumenti oħra li hu ma kellu ebda dritt jgħaddi u lanqas ma kien awtorizzat li jagħmel hekk. Hu ċar li l-aġir ta' l-imputat jinkwadra ruħu perfettament fil-parametri tal-artikolu 133 tal-Kodiċi Kriminali. Hu kellu aċċess għal dawn id-dokumenti wara li jiġi assenjat 'tender' u għalhekk ma kellu ebda dritt li jgħaddi din l-informazzjoni ħlief fiċ-ċirkostanża li jgħaddi tali nformazzjoni lil kulħadd, li ma kienx il-każ.

Illi l-aħħar akkuża tirrigwarda l-interess privat f'aġġudikazjoni. Huwa minnu li l-imputat kien interessat fi kwalunkwe aġġidikazzjoni fejn kienet involuta s-soċjeta' li hu kien jirraprezenta. Hawnhekk, l-artikolu 124 tal-Kodiċi Kriminali qed jitkellem fuq xi ħaġa kompletament differenti. L-interess għandu jkun wieħed attiv fi sens li huwa parteċipi f'tali aġġudikazzjoni. Is-sempliċi fatt li wieħed qed jittama li jirbaħ mhux biżżejjed. Hawnhekk, irid ikun hemm is-sehem attiv biex tali rebħa ma tkunx tiddependi fuq l-aġir ta' ħaddieħor iżda għandha tippependi fuqek jew għall-inqas trid tkun tajt il-kontribuzzjoni tiegħek, attiva jew passiva, biex tirbaħ.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi. Issibu ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 133 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u il-fatt li hu kkolabora bi sħiħ mal-pulizija. Tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn liri maltin (Lm200). Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------